Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 776/2009

**Dr. Stefano Filletti LLD bhala stralcjarju tas-socjeta' Interpharma Co Ltd – C 7674**

**vs**

1. **Karizia Company Ltd – C 8001**
2. **Karizia Trading Ltd – C26710**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza r-Rikorrent qed jagixxi bhala stralcjarju tas-socjeta' Interpharma Co Ltd C 7674. F'din il-kwalita qed jitlob li s-Socjetajiet Intimati jigu kundannati jhallsu *quantum* ta' erba mija u tmintax-il Ewro disa' centezmi (€418.09c) ghal prodotti farmacewtici u prodotti ohra lilhom mibjugha u konsenjati. Bl-ispejjes u mghax. Mat-talba hemm esibiti d-Dok 1 sa 6.

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-

It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi: huma intempestivi u l-ammont mitlub huwa ferm eccessiv u dana peress illi wara li s-*salesperson* tas-socjeta’ Interpharma Co Ltd infurmat lis-socjeta’ esponenti talbet lill-istess socjeta’ Interpharma Co Ltd sabiex tigbor il-merci li kienet ikkunsinjat lis-socjeta’ esponenti (peress illi s-socjeta’ Interpharma Co Ltd ma setghatx toffri s-solitu “sales backup” lis-socjeta’ esponenti) u tohrog “credit note” ghall-valur tieghu u prospett aggornat bil-ghan li s-socjeta’ esponenti thallas il-bilanc rimanenti.

**PROVI**

1. **Dr. Stefano Filletti,** xehed li hu nhatar stralcjarju wara li kien ga amministratur tas-socjeta’ Rikorrenti. Hu kkonferma l-*quantum* dovut mis-socjetajiet Intimati.

2. Meta kellem lis-socjetajiet Intimati qatt ma cahdu li hadu li *stock*. Qamet kwistjoni li l-*istock* konsenjat kien skadut u allura kien fl-obligu tal-Interpharma li tiehdu lura. Zied li meta kellem zewg diretturi ikkonfermaw li kien hemm servizz li kienu joffru (peress li l-kompetituri kienu jaghmlu l-istess) illi jekk il-klijenti kienu jixtiequ kienu jigbru l-*istock* skadut, pero ma kienux obligati. Dan il-ftehim kien isir b’kuntratt izda dan ma sarx fil-kas taz-zewg socjetajiet Intimati. “L-uniku ftehim li kien hemm bejn is-socjeta’ attrici u s-socjetajiet konvenuti kien illi jkun hemm il-bejgh u mbaghad ikun hemm il-hlas *on credit terms*”

3. Minkejja li talab lis-socjetajiet Intimati biex juruh xi ftehim kontrattwali kif semma, dan ma wasal qatt. Bhala stralcjarju hu ma setax jasal f’kompromess mas-socjetajiet Intimati

4. **Karen W Attard** xehdet hekk:-

Jiena nahdem bhala *salesgirl* u niehu hsieb l-*accounts* ma Karizia Pharmacy. Jiena ilni nahdem ma’ din is-socjeta’ ghal dawn l-ahhar sittax-il sena (16). Ahna bhala socjeta’ ilna nixtru minn ghand is-socjeta’ Interpharma ghal hafna snin u generalment nixtru *cosmetics* u affarijiet ohra.

Jiena nghid illi bhala prassi l-ftehim kien illi meta ha nordnaw l-*istock* huma jikkonsenjahulna, niffirmaw l-*invoice* u l-pagament isir ftit aktar tard; pero kien hemm ftehim ukoll illi jekk kemm-il darba kien ikun hemm xi prodotti li ma jinbieghux is-socjeta' Interpharma kienet tehodhom lura.
F'dan il-kaz, peress li nkunu ser nirritornaw dawn il-prodotti jiena kont ninkariga *salesgirl* ohra sabiex taghmel lista ta' dawn il-prodotti u tohrog *credit note*. Qatt ma kellna problemi sabiex inbidlu dawn il-prodotti. Ghal gurament dawn il-prodotti jkunu jew prodotti skaduti u kif ukoll prodotti li ma jimxux.
5. In kontro-ezami qalet li hi kienet timxi fuq l-istruzzjonijiet li jtiha Mario Debono, mghallem taghha. Ma tafx dwar dak li kien isir kienx ikun hemm kuntratt.

6. Il-prodotti mertu tal-kawza baqghu ghandhom (Farmacia fil-Mellieha). Ippruvaw jirritornawhom lis-*salesgirl* tas-socjeta' Rikorrenti, pero hadd ma mar ghalihom.

7. **Mario Debono** xehed li hu Direttur Manigerjali ta' Karizia Company Ltd li akkwista fl-2001 u diga kien hemm negozju mal-Interpharma. Kienu jixtru sew medicini kif ukoll kosmetici u dwar dawn il-ftehim kien li mal-konsenja jixtru l-*istock* u dak li ma jinbiehx jehduh lura. Jimxi hekk ma kumpaniji ohra wkoll u ma kienx jinnegozja ma kumpaniji li ma jaqblux ma din il-procedura. Meta jirritorna l-prodotti, kien jitlob *credit note.*

8. Meta sar jaf li Interpharma marret ghal-likwidazzjoni, talab li jitkellem mas-*salesgirl* ta' din. Gara hekk u fic-cirkostanzi qal li kien ikun ahjar li jirritorna l-prodotti u mbaghad issir tpacija *in full & final settlement*.

9. Eventwalment ircieva ittra ufficjali minghand l-Interpharma. Eventwalment l-avukat kien qallu li l-Interpharma ser tigi xolta u mill-kalkolazzjonijiet li kienu ghamlu waslu ghall-*quantum* mitlub mis-socjeta' Rikorrenti.

10. Ix-xhud insista li jsehh il-ftehim li kellhom u nsista li jati l-prodotti lura izda l-avukat kien qatghalu.

11. In kontro-ezami, ma ftakarx l-isem tas-salesgirl li semma. Meta hu ha l-avvjament tal-ispizerija, wiret ukoll il-ftehim li semma (dwar ritorn ta' prodotti). Ghall-bidu kienu zewg *partners* fil-kumpanija izda xi zmien wara siehbu kien miet. Qal illi kieku ma kienx hemm mal-Interpharma l-ftehim li semma; ma kienx jinnegozja mal-Interpharma. L-Interpharma qatt ma ssuggerewlu xi ftehim bil-miktub.

12. B'Nota (*a fol* 39 *et seq*) esebixxa ***Purchases Transaction History*** mis-socjeta' Rikorrenti.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

It-TRIBUNAL wara li qies il-provi prodotti u wara li ha konjizzjoni tad-decizjoni ta' dan it-Tribunal diversament presedut (Talba nru 770/2009) bejn l-istralcjarju fil-kawza prezenti u The Village Pharmacy Ltd jikkunsidra kif gej:

1. Jirrizulta li bejn il-kontendenti odjerni kien isir negozju ta' bejgh ta' medicini u kosmetici u fil-kaz ta' dawn tal-ahhar il-prattika kienet li dak li ma jinbiehx jew jiskadi l-prodotti kienu jigu ritornati lis-*supplier* u dan johrog *credit note* li, naturalment, tittiehed f'kont f'negozju sussegwenti.

2. Jidher, anke mid-dokumenti prezentati mis-socjetajiet Intimati, li l-inkwiet inholoq meta beda jberraq x'hin l-Interfarma ghaddiet f'idejn likwidatur li wara dahal fil-vesti ta' stralcjarju.

3. L-istralcarju qed jinsisti li s-socjetajiet Intimati ghandhom juru <u>ftehim bil-miktub</u> li jikkonferma dak li xehed Mario Debono. It-TRIBUNAL ihoss li n-nuqqas ta' produzzjoni ta' ftehim bil-miktub da parti ta' Mario Debono mhux nuqqas <u>determinanti</u>. Dak li xehed Mario Debono hu prattika ta' negozju li tiltaqa maghha spiss u taghmel sens. Barra dan, it-TRIBUNAL ma jarax ghala m'ghandux

jemmen lil Mario Debono fir-rigward u l-***Purchasing Transaction History*** isahhah dan.

4. Dwar x'sata jaghmel u ma jaghmilx l-istralcjarju, hu zgur li s-socjetajiet Intimati ma jistghux isibu ruhhom aghar milli kienu jsibu ruhhom kieku l-Interpharma ma kienetx fl-istat finanzjarju li kienet fih.

5. Id-diffikulta li jara t-TRIBUNAL hi din: darba li s-socjetajiet konvenuti raw li l-prodotti mertu tal-kawza riedu jigu legittimament ritornati messhom iddepozitawhom taht l-awtorita' tal-Qorti.

6. Dan, izda, irid jitqies fid-dawl tal-fatt li dan it-TRIBUNAL irid jiggwida ruhu minn principji ta' ekwita'. Kieku ma kienetx fl-istat finanzjarju li sabet ruhha fih, is-socjeta' Rikorrenti kienet tiehu lura l-prodotti u tohrog *credit note*. Jekk illum mhiex fi stat li tohrog *credit note* anqas ghandhom is-socjetajiet Intimati ihallsu ta' prodotti skaduti li, safejn jista jara t-TRIBUNAL il-valur taghhom hu *zero*.

**DECIZJONI**

Meqjus dak kollu mfisser hawn fuq, it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** it-talba attrici u (2) fic-cirkostanzi **jiddeciedi** li l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Avukat Yana Micallef Stafrace
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------